KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun**

**Id-Disa' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 7**

Laqgħa tal-kunsill Lokali Il-Ħamrun, fis-sala tal-Kunsill, nhar l-Erbgħa 20 ta' Novembru, 2024, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut
Aymen Grech Pace
Mario Calleja
Jean Carl Agius Ciscaldi
Maria Baldacchino
Maria Mallia

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tanya Agius Borg – Segretarju Eżekuttiv

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Carmen Borg
Antoine Vassallo
Vince Bonello

Is-Sindku Christian Sammut jippresjedi l-laqgħa

**07.02 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa preċedenti**

07.02.01 Ix-xogħlijiet fi Triq Ġużè Maria Camilleri, għadhom fl-istess stat, ma kienx hemm żviluppi

07.02.02 Fuq Pjazza 7 ta' Ġunju għadu kollox kif kien, ma kienx hemm żviluppi.

07.02.03 Rigward l-applikazzjoni ħabba l-obstical course fil-Liċeo se tkun qed tiddaħħal l-applikazzjoni.

07.02.04 Rigward il-parkeġġ fil-liċeo, peress li dan se jibda jinfetaħ fil-għaxija hemm bżonn li jkun hemm is-sinjali mal-art, però ħabba n-natura tal-art mhux possibbli li dawn isiru. Se ssir laqgħa mas-surmast biex naraw x'jista' jsir, mingħajr ma jkun hemm spiża eċċessiva.

07.02.05 Rigward il-possibilità li jsir xogħol mill-fondi tax-xogħlijiet pubbliċi fin-naħa ta' Triq Atoċja, is-Sindku qal li se jkollu laqgħa mal-Perit biex jiġi diskuss ix-xogħol li jista' jsir abbażi tal-fondi li hemm allokati, biex tkun tista' tintbagħat l-applikazzjoni.

07.02.06 Ix-xogħol fuq in-naħa tar-Rabbat u Triq is-Sewwieqa, għadu għaddej b'ritmu tajjeb u qed jieħdu xejra dejjem aħjar.

07.02.07 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera għall-istedina li ġiet magħmula mill-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni se jkun impossibbli li hu flimkien ma' kunsilliera oħra jattendu peress li ma kienx hemm titjiriet disponibbli.

07.02.08 Fuq il-bandli ta' Anton Buttigieg se jsir xogħol fuqu. Se jinxtara l-madum li kien hemm bżonn u dan se jinħadem mill-istaff tal-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll li jidher li hemm individwu li qed jagħmel ħsara lill-apparat li hemm, billi qed iħalli l-kelb tiegħu jagħmel il-ħsara. Se tkun qed tittieħed azzjoni.

07.02.09 Fuq il-festi tal-Milied beda it-tiżjin fit-toroq tagħna. Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li huwa ltaqa ma' xi studenti tal-Iskola Maria Regina fejn dawn se jagħmlu villaġġ tal-milied u xtaqu bħala kunsill ngħinu f'din l-inizjattiva permess ta' promozzjoni u fis-servizz tad-dawl. Huma talbu ukoll biex f'attivitajiet futuri organizzati mill-kunsill jkunu jistgħu jieħdu sehem. Huwa qal jkun tajjeb li naħdmu ma dawn l-istudenti u studenti oħra biex ikunu parteċipi fl-attivitajiet tagħna.

**07.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

07.03.01 Is-Sindku qal lill-kunsilliera li huwa mportanti li bħala kunsilliera nibdew noħolqu aktar kuntatti. Dan huwa parti mill-ħidma tagħna li noħolqu affarijiet ġodda u oriġinali. Issa li għaddew sitt xhur mill-bidu ta' dan il-kunsill, wasal iż-żmien li l-ħidma tibda żżid aktar. Huwa mportanti li kulħadd jibda

jinvolvi ruħu fl-attivitajiet. Huwa qal li jifhem li mhux forsi f'kull attività, imma mportanti li fil-maġġoranza tad-drabi għandu jkun hemm is-sehem ta' kulħadd. Biex ikun hemm is-suċċessi jrid ikun hemm aktar input, ideat u energija. Hemm bżonn li kulħadd jagħti s-sehem tiegħu.

07.03.02 fuq dan il-punt is-Sindku qali li bl-għajnuna ta' kulħadd l-attivitajiet li ġejjin ikunu jistgħu jsiru mill-kunsill stess mingħajr in-nefqa ma' tkun waħda kbira. Importanti li naħdmu u norganizzaw bl-anqas spejjez possibbli.

07.03.03 Fuq dan il-punt il-Viċi Sindku qal li jinsab iddispjaċut li prova jaħdem għal din l-attivita pero ma wasalx għar-riżultat li xtaq.

07.03.04 Is-Sindku qal li jekk l-attivita Ċiki Ċiki Ċu se tirnexxi, se tiġi pjanata mal-ewwel id-data li jmiss.

**07.04 Korrispondenza**

07.04.01 Il-Kunsill rċieva ċirkulari fejn fiha hemm Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2021 (SPI/SCI/08/2024). F'din l-espressjoni ta' interess se jkun qed tingħata s-somma ta' €5,000 biex tgħin fl-ispejjeż tal-karnival. Bħala lokal niċċelebraw dan l-avveniment permess tal-Parata tal-Baned, għalhekk il-kunsill qabel b'mod unanimu biex napplikaw għal dan il-fond, li se jkun qed ikopri parti mill-ispejjeż, li ġeneralment jammonta għall-madwar €13,250.

07.04.02 Il-Kunsill rċieva email mingħand persuna fejn ġibed l-attenzjoni fejn sofra xi ħsarat f'tyre u rim, fejn fil-korrispondenza tiegħu qiegħed jitlob kumpens. Il-Kunsill qabel li jingħata il-kumpens mall-ammont ta' nofs l-ispejjez tat-tyre.

07.04.03 Il-kunsill ġie infurmat li waħda mill-impjegati offriet ir-riżenja tagħha. Din hija Angie Parnis. Il-perjodu tan-notice tagħha beda mill-11 ta' Novembru. Fuq dan se tkun qed tinħareġ sejħa għal skala 16. Il-kunsill qabel.

07.04.04 Il-kunsill ġie mgħarraf b'email li ntbagħtet mill-kunsilliera Maria Baldacchino, fejn grupp ta' ċiniżi jixtiequ jagħmlu attività, relatata mas-sena l-ġdida tal-kalendarju Ċiniż, fil-Ħamrun. Il-kunsill approva li din issir, però se ssir laqgħa biex jiġi diskuss aktar fid-dettal.

07.04.05 Fuq din, saret diskussjoni libera bejn il-membri fejn il-Kunsilliera Maria Baldacchino tkellmet u tat informazzjoni fuq din l-attività, fejn dawn se jkunu qed jagħmlu, fost l-oħrajn, sfilata bil-kostumi tradizzjonali tagħhom. Fuq din se tkun qed tiġi proposta id-data tal-Ħadd 26 ta' Jannar 2025 filgħodu.

**07.05 Impjegati**

07.05.01 Dan il-każ li mitkellem aktar 'il quddiem.

| | |
|---|---|
| **07.06** | **Ċiki Ċiki Ċu** |
| 07.06.01 | Is-Sindku qal li l-affarijiet ġew imqassma min fejn il-bank ta' ftit 'il fuq mill-knisja sa Pjazza San Pawl. Huwa ħa ħsieb li jagħmel il-lista tal-parteċipanti, fejn qal li se jkollna ħafna affarijiet sbieħ tul it-triq. Huwa mportanti li kull kunsillier jieħu ħsieb parti mill-attività. |
| 07.06.02 | Is-Sindku wassal d-dettalji tal-esibituri kollha, b'varjazzjoni kbira ta' items tajbin għat-tfal u għall-familja kollha. |
| 07.06.03 | Is-Sindku qal li bħala wardens nġiebu l-anqas possibbli fejn se nkunu qed nagħtu l-għajnuna tagħna ukoll permezz tal-barrieri. Huwa ħeġġeġ lill-membri biex jiġu kmieni biex il-proċess ta' armar jimxi b'mod tajjeb. |
| **07.07** | **Milied** |
| 07.07.01 | Rigward il-festi tal-Milied beda l-armar fit-toroq prinċipali u wħud tal-madwar, però ma jidhirx li hemm lok li ssir xi tip ta' attivita partikolari. Il-kunsill iddiskuta fuq dan il-punt, fejn qal li jkun aħjar jekk il-ħidma tal-kunsill tkun enfasi fuq l-attività waħda. Saret diskussjoni libera, fuq dak li jista' jsir bħala attivitajiet żgħar relatati, anke meta fil-futur jinfetħu ix-xelters tal-lokal. |
| 07.07.02 | Ġiet diskussa ukoll li ssir attività bejn il-kunsilliera u mpjegati tal-Milied u hemm il-ħsieb li din isir fil-Ħamrun stess. Filwaqt li l-kunsilliera u l-impjegati ma jħallsux, il-partners u tfal iħallsu. |
| **07.08** | **Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 07.08.01 | Il-Viċi Sindku qal li rega kellem lill-Malta Rangers u dawn qalulu li ma għandhomx biżżejjed nies biex jaħdmu. |
| 07.08.02 | Il-Kunsillier Jean Carl Agius Ciscaldi xtaqt ikompli fuq li qal is-Sindku biex kulħadd jagħti l-input tiegħu fl-attivitajiet. Importanti li kulħadd jagħmel ħiltu. |
| 07.08.03 | Fuq il-punt tal-attivitajiet is-Sindku reġa fakkar li l-attivitajiet tagħna għandhom jinħdmu b'mod tajjeb biex nieħdu ħsieb li ma jintefqux ħafna funds. Fuq dan il-punt kien hemm diskussjoni libera biex il-membri. |
| 07.08.04 | Il-Kunsilliera Maria Baldacchino qalet li qed tipprova tibni l-kuntatti tagħħha biċ-ċans ta' xi attivitajiet. |
| 07.08.05 | Il-Kunsillier Mario Callejja qal li hemm Triq Wenzu Mallia fejn ġie infurmat li din qed tkun mudlama għax hemm xi bozoz maqtugħin. |
| 07.08.06 | Il-Kunsilliera Maria Mallia waslet ringrazzjament mingħand tal-krafts tax-xogħol li sar mill-Kunsill. |

07.08.07 Fuq dan il-punt, is-Sindku qal li mportanti li każijiet bħal dawn il-kunsilliera għandhom jieħdu ħsieb li jinfurmaw lill-istaff u importanti ħafna li jieħdu ritratt tal-bieb jew in-numru tal-bieb ta' fejn hemm il-ħsara.

**07.08 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagament**

07.08.01 Il-kunsillier Jean Carl Agius Ciscaldi, staqsa fuq l-ammont ta' flus li qed jieħu l-fotografu. Wara dan kien hemm diskussjoni libera fuq l-iskeda tal-pagamenti.

07.08.02 L-iskeda tal-ħlasijiet numru 12.2024 ġiet approvata mill-Kunsilliera Maria Baldacchino u sekondat mill-Kunsillier Jean Carl Agius Ciscaldi

**07.09 Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Laqgħa li jmiss hija skedata għall-Erbgħa 18 ta' Diċembru 2024, fil-5,30pm

Christian Sammut
Sindku

Tanya Agius Borg
Segretarju Eżekuttiv